MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2004

Numru 21/2000

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

***... omissis ...***

**Ali Aibrahim Algaoud**

**Il-Qorti**,

Rat l-Att ta' Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fl-1 ta' Novembru, 2000 kontra l-imsemmi Ali Aibrahim Algaoud li permezz tieghu l-istess Avukat

Generali akkuzah (flimkien ma' Ibrahim Elhamshi Elghaoud): (1) li importa, gieghel li tigi impurtata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi impurtata medicina perikoluza (raza mehuda mill-pjanta cannabis) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe` meta ma kellhomx licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett; (2) li kellu fil-pussess tieghu id-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-ligi taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu; u (3) li assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta u ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika r-raza mehuda mill-pjanta cannabis f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), jew li ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-21 ta' Ottubru, 2003 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni ta' l-imsemmi Ali Aibrahim Algaoud debitament registrata u li fiha l-istess akkuzat ippersista anke wara li gie debitament imwissi minn dik il-Qorti skond l-Artikolu 453 tal-Kodici Kriminali, iddikjaratu hati skond it-tliet kapi tal-imsemmi Att ta' Akkuza u kkundannatu ghall-piena ta' tnax-il sena prigunerija, bit-tnaqqis tal-perijodu ta' l-arrest preventiv, kif ukoll ghall-hlas ta' *multa* ta' dsatax-il elf liri maltin (Lm19,000) li jekk ma tithallasx minnufih tigi awtomatikament konvertita fi tnax-il xahar prigunerija ohra skond il-ligi, kif ukoll li jhallas nofs is-somma ta' elf mitejn u wiehed u hamsin liri Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm1251.73c) spejjez tal-perizji inkorsi tul il-process, ad eskluzjoni ta' l-ispejjez tar-relazzjoni a fol. 272 sa 288 tal-process, u li jekk dawn ma jithallsux minnufih jigu konvertiti f'terminu iehor ta' prigunerija skond il-ligi. Giet ordnata wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli u immobbli ohra tal-hati. Giet ordnata wkoll id-distruzzjoni ta' l-istess droga a kura tad-Deputat Registratur ta' dik il-Qorti bl-assistenza ta' l-ispizjar Mario Mifsud sakemm fi zmien hmistax-il jum

mid-data tas-sentenza l-Avukat Generali ma jinfurmax lil dik il-Qorti b'nota li ghandu bzonn li dik id-droga tigi prezervata ghal skop ta' proceduri ohra kontra terzi, u b'dan li l-istess Deputat Registratur ghandu jirrapporta b'verbal lil dik il-Qorti meta d-droga tkun giet distrutta. Inoltre baghtet lill-imsemmi Ali Aibrahim Algaoud quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li minnha gie maghmul l-ordni ghal-liberazzjoni taht kondizzjoni fis-sentenza tas-27 ta' Jannar 1998 biex tittratta mieghu skond il-ligi ghar-reat li ghalih dak l-ordni kien gie maghmul, u dan wara li kkunsidrat hekk:

" Qieset li ghalkemm il-piena ghar-reati in dizamina hija dik ta’ ghomor il-habs, skond l-artikolu 492 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta f’xi stadju qabel jigi ffurmat il-guri l-akkuzat jammetti l-htija tieghu, l-Qorti tista’, minflok il-piena msemmija, taghti l-piena ta’ prigunerija ghal zmien minn tmintax-il sena sa’ tletin sena;

Qieset ukoll li skond il-proviso tal-artikolu 22 (2) (a)(i)(aa), tal-Kap. 101 meta l-Qorti tkun tal-fehma li, meta tqis l-eta` tal-hati, l-kondotta ta’ qabel tal-hati, l-kwantita` tal-medicina w x-xorta w l-kwantita` tat-taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reat, il-piena ta’ prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa, f’kazijiet bhal dawn il-Qorti tista’ tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-prigunerija ghal zmien ta’ mhux inqas minn erba' snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta’ mhux inqas minn elf lira izda mhux izjed minn hamsin elf lira;

Qieset favur il-hatja, il-fatt li huma rregistraw ammissjoni qabel ma giet iffurmata l-gurija, ghalkemm ma jistax jintqal li dan sar fi stadju bikri tal-process ghaliex il-hatja ghall-bidu ghamlu eccezzjonijiet preliminari li fil-maggior parti taghhom gew respinti w wara sahansitra appellaw bla success mis-sentenza ta’ din il-Qorti diversament preseduta w b’hekk il-process twal ghal numru ta’ snin inutilment;

Qieset il-gurisprudenza ta’ dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi

stadju kmieni tal-process u b’hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja; (Ara “Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Nicholas Azzopardi”, Qorti Kriminali , [24.2.1997] ; “Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa”, Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002] u BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE , (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.);

Qieset ukoll favur il-hati Ibrahim Elhamshi Elghaoud wahdu l-kondotta incensurata tieghu – almenu f’dawn il-Gzejjer - kif ukoll iz-zmien li z-zewg hatja lahqu ghamlu taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn l-akkuzi;

Qieset ukoll illi r-reati dedotti fl-Ewwel u fit-Tielet Kapi tal-Att tal-Akkuza servew bhala mezz ghall-fini biex seta’ jigi kommess ir-reat dedott taht it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza u ghalhekk ghall-fini tal-konkors tal-piena ghandha tapplika r-regola li hemm fl-artikolu 17(h) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta (ara “Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Mansour Muftah Nagem” (31.10.2002) u “Ir-Repubblika ta’ Malta vs Hasan Omar Ibrahim Farag” (15.05.2003) kif del resto anke qablu l-Prosekuzzjoni w d-Difiza b’verbal appozitu);

Mill-banda l-ohra qieset kontra l-akkuzati li huma ma kinux ta’ eta` zghira w immatura w li huma kienu qeghdin jimportaw go Malta kwantita` sostanzjali ta’ 1477.5 grammi (u mhux 2506.2 grammi) kif jissemma' fil-parti espozittiva tat-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza (ara fol. 113 tal-process) tar-raza tal-pjanta cannabis u li din il-kwantita` hekk kbira ta’ droga kienet ser taghmel hsara lis-socjeta` Maltija li ghaliha kien jidher car li kienet destinata, u dana b’abbuz tal-ospitalita` li l-gens Malti tahom bhala barranin li kienu qed izuru dawn il-Gzejjer;

Qieset ukoll li l-hati Ali Aibrahim Algaoud kien diga` kiser difrejh mal-ligi u kien gie sentenzjat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fis-27 ta’ Jannar, 1998, meta inqas minn xahar qabel ir-reati hawn ammessi, kien instab hati fuq ammissjoni, ta’ pussess ta’ raza mehuda mill-pjanta cannabis u liberat bil-kundizzjoni li ma jikkommetix reat iehor fi zmien 18 il-xahar;

Qieset ukoll is-sottomissjoni tad-difiza li f’dan il-kaz si trattava ta’ raza tal-cannabis u mhux ta’ Medicini Perikoluzi aktar qawwija w li f’pajjizi esteri il-pussess u reati ohra li jinvolvu cannabis jitqiesu inqas gravi – distinzjoni li pero` l-ligi Maltija ma taghmilx - kif ukoll dak li ssottometiet il-prosekuzzjoni li d-droga cannabis hafna drabi tkun l-ewwel introduzzjoni ghall-vizzju tad-droga;

Qieset finalment il-piena li nghatat minn din il-Qorti f’kazijiet analogi recentement biex ikun jista’ jinzamm certu proporzjon u relativita` fil-piena ghal dak li jirrigwarda l-gravita` tar-reat in kwantu t-tip u kwalita`, il-kwantita` u purita` tad-droga mportata, u meta jkun hemm ammissjoni bikrija, w dana bil-ghan li jkun hemm certa uniformita` f’sentenzi li jirrigwardaw din il-materja";

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Ali Aibrahim Algaoudipprezentat fil-11 ta' Novembru 2003;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Dan hu appell mill-piena. Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant jilmenta minn nuqqas ta' proporzjonalita` bejn il-piena nflitta fir-rigward ta' l-appellant u dik inflitta f'kaz iehor analogu u jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti ma uzatx id-diskrezzjoni taghha biex tiddistingwi bejn id-droga involuta f'dan il-kaz u drogi ohrajn li huma aktar ta' hsara.

Dwar l-ewwel ilment l-appellant jirreferi ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fit-22 ta' Mejju 2003 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Noaman Emhemmed Ramadan El-Arnauti**[1]. Ighid li f'dik il-kawza, fejn il-kwantita` ta' raza elevata kienet sostanzjalment akbar mill-kwantita` elevata f'dan il-kaz u l-akkuzi ammessi f'dik il-kawza kienu identici ghal dawk f'din il-kawza, il-piena kienet ta' ghaxar snin prigunerija u *multa*

[1] Din is-sentenza giet ikkonfermata minn din il-Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' April 2004.

ta' Lm17,000, oltre l-hlas ta' l-ispejjez peritali; ghalhekk m'hemmx proporzjonalita` bejn il-piena f'dak il-kaz u l-piena f'dan il-kaz.

Din il-Qorti tirreferi l-ewwelnett ghal dak li jikkummenta Archbold, f'*Criminal Pleading, Evidence and Practice*, 2003 (para. 5-174, p. 579) dwar il-pozizzjoni fl-Ingilterra:

"Where an offender has received a sentence which is not open to criticism when considered in isolation, but which is significantly more severe than has been imposed on his accomplice, and there is no reason for the differentiation, the Court of Appeal may reduce the sentence, but only if the disparity is serious. The current formulation of the test has been stated in the form of the question: "would right-thinking members of the public, with full knowledge of the relevant facts and circumstances, learning of this sentence consider that something had gone wrong with the administration of justice?" (per Lawton L.J. in *R. v. Fawcett*, 5 Cr. App.R.(S) 158 C.A.). **The court will not make comparisons with sentences passed in the Crown Courts in cases unconnected with that of the appellant (see *R. v. Large*, 3 Cr.App.R.(S) 80, C.A.).** There is some authority for the view that disparity will be entertained as a ground of appeal only in relation to sentences passed on different offenders on the same occasion: see *R.v. Stroud*, 65 Cr. App.R. 150, C.A. It appears to have been ignored in more recent decisions, such as *R. v. Wood,* 5 Cr.App.R.(S) 381. C.A., *Fawcett*, ante, and *Broadbridge*, ante. **The present position seems to be that the court will entertain submissions based on disparity of sentence between offenders involved in the same case**, irrespective of whether they were sentenced on the same occasion or by the same judge, so long as the test stated in *Fawcett* is satisfied" (**enfazi tal-Qorti**).

Din il-Qorti taqbel ma' dan l-insenjament[2]. L-appellant hawn qieghed jaghmel referenza ghal proceduri li

[2] Ara **Ir-Repubblika ta' Malta vs Brian Godfrey Bartolo** deciza minn din il-Qorti fl-14 ta' Novembru 2002.

mhumiex konnessi mal-proceduri istitwiti kontra tieghu. Filwaqt li din il-Qorti taqbel li ghandu jkun hemm proporzjonalita` u relattivita` fil-pieni f'kazijiet analogi, fil-fatt kull kaz ghandu l-fattispecie tieghu u anke kieku kellu jsir paragun bejn dan il-kaz u l-kaz citat mill-appellant, jirrizultaw cirkostanzi differenti. F'dan il-kaz fejn kien hemm ko-akkuzat iehor[3] li wkoll ammetta l-istess akkuzi dedotti kontra tieghu, l-ewwel Qorti sahansitra ddistingwiet fil-pieni inflitti minnha billi lill-ko-akkuzat Ibrahim Elhamshi Elghaoud ikkundannatu ghal piena nferjuri minn dik inflitta fuq l-appellant - ghaxar snin prigunerija u sbatax-il elf liri Maltin (Lm17,000). Din id-distinzjoni ghamlitha l-ewwel Qorti, fid-diskrezzjoni taghha, wara li qieset li l-appellant kien diga` kiser difrejh mal-ligi filwaqt li l-kondotta tal-ko-akkuzat l-iehor - almenu f'dawn il-Gzejjer - kienet "incensurata". Fl-iffissar tal-piena l-ewwel Qorti kkunsidrat ukoll li, ghalkemm giet registrata ammissjoni qabel ma giet iffurmata l-gurija, tali ammissjoni ma gietx registrata fi stadju bikri tal-process. Inoltre l-akkuzati f'dan il-kaz ma kinux ta' eta` zghira u immatura. Dawn huma cirkostanzi li huma differenti minn dawk fil-kaz li rrefera ghalih l-appellant. Ghalhekk dan l-ewwel ilment ta' l-appellant hu respint.

It-tieni ilment ta' l-appellant hu li l-medicina perikoluza involuta kienet raza tal-cannabis li l-hsara li taghmel hija inferjuri ghal dik ipprovokata minn drogi bhall-eroina u l-kokaina u anke l-qligh mill-bejgh taghha huwa radikalment inferjuri. Hawn huwa sufficjenti li din il-Qorti tirreferi ghas-sentenza taghha fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mohamed Mohamed Abusetta** moghtija fl-4 ta' Dicembru 2003 u dik fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Noaman Emhemmed Ramadan El-Arnauti** moghtija fit-22 ta' April 2004 u tiddikjara ghal darb'ohra li dan l-ilment huwa assolutament infondat.

Fl-ahharnett din il-Qorti tiddikjara li wara li qieset dan kollu, wara li qieset ukoll li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti mhux biss hi fil-parametri tal-ligi izda hi ferm il-boghod

[3] Il-ko-akkuzat Ibrahim Elhamshi Elghaoud li wkoll appella mill-piena moghtija fil-konfront tieghu izda li ceda l-appell tieghu fis-seduta tat-22 ta' April 2004.

minn dik massima stabbilita mil-ligi, u li giet imposta mill-ewwel Qorti fid-diskrezzjoni taghha wara li kkunsidrat dak kollu li kien rilevanti, u wara li din il-Qorti ghamlet ukoll ezami akkurat ta' l-atti, ma ssib l-ebda raguni valida legalment sabiex tiddipartixxi minn din il-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll dik pekunjarja.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma fl-intier is-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fil-21 ta' Ottubru 2003 fil-konfront ta' l-appellant Ali Aibrahim Algaoud b'dan li l-perijodu sabiex l-Avukat Generali jinforma lil din il-Qorti permezz ta' nota jekk id-droga ghandhiex tibqa' preservata ghall-iskop ta' proceduri kontra terzi jibda jiddekorri millum. Tikkonferma wkoll l-ordni biex l-istess appellant jintbaghat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex dik il-Qorti tittratta mieghu mill-gdid ghall-ksur ta' l-ordni ta' liberazzjoni taht kondizzjoni maghmula skond sentenza ta' dik il-Qorti tas-27 ta' Jannar 1998.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------